# KUNSILL LOKALI TAL-IMQABBA

**29, TRIQ IL-PARROĊĊA, L-IMQABBA MQB 1512**

**TEL: 2168 0622 /2701 3040 • FAX: 2168 0606**

**E-MAIL: mqabba.lc@gov.mt**

**WEB SITE: www.mqabba.gov.mt /www.lc.gov.mt**

Minuti tas-seduta numru tlieta (3) tal-Kunsill Lokali tal-Imqabba (KLM) li nżammet nhar id-29 ta' April, 2013, fis-6:30pm fil-Bini Amministrattiv tal-Kunsill.

| | | |
|---|---|---|
| PREŻENTI: | Nicholas Briffa | Sindku |
| | Charlene Zammit | Deputat Sindku |
| | Grace Marie Mallia | Kunsillier |
| | Michel Farrugia | Kunsillier |
| | Paul Spiteri | Kunsillier |
| | Anthony Bonello | Segretarju Eżekuttiv (SE) |

1. Wara r-riżenja ta' Noel Galea u r-riżultat tal-elezzjonijiet każwali, Paul Spiteri kien dikjarat il-kunsillier li ħa post Noel Galea.

2. Nicholas Briffa ppresjeda l-laqgħa u qal it-talba filwaqt li laqa' lil Paul Spiteri fostna u rringrazzjah tas-servizz li ta bħala kunsillier u wkoll talli aċċetta li jservi f'din is-seba' leġiżlatura. Paul Spiteri qal li hu pjaċir tiegħu li ingħaqad magħna filwaqt li se jaħdem biex il-pjan tal-leġiżlatura mfisser mis-sindku, jiġi mwettaq għall-ġid tar-residenti tal-Imqabba. Intant is-SE ta il-formuli tal-ħatra lil Paul Spiteri biex dan imur jieħu l-ġurament quddiem wieħed mill-Kummissjonarji tal-Ġustizzja kif indikat mid-Dipartiment għall-Gvern Lokali.

3. Is-Segretarju Eżekuttiv għadda kopja tal-minuti tas-seduta numru tnejn lill-kunsillieri permezz ta' *e-mail* aktar kmieni, u dawn ġew meħuda bħala moqrija. Kien hemm diskussjoni dwarhom u ġew approvati u ffirmati wara li sarulhom il-korrezzjonijiet kollha li talbu l-kunsillieri u dawn ġew inizjalati fejn kull emenda.

PUNTI MILL-MINUTI:

4. Is-sindku qal li dwar it-talba tal-Kunsill Lokali tal-Imqabba konġunta ma' dik tal-Qrendi, rigward it-trasport pubbliku, permezz ta' ittra datata 20 ta' April, 2013, kellna risposta li t-talba qed tkun ipproċessata. F'dan il-waqt il-KLM iddiskuta t-talba li saret biex it-trasport pubbliku jerġa' jibda jgħaddi minn Triq Santa Katerina minflok minn Triq il-Madonna tal-Ġilju, kif ukoll sabiex ir-rotot ċirkulari ma' jibqgħux jgħaddu minn Misraħ il-Fidwa. Paul Spiteri qal li hu xettiku dwar it-tneħħija tar-rotot ċirkulari minn Misraħ il-Fidwa għaliex jinnota li hemm xi nies li jirkbu minn hemm u saħansitra kien hemm min talab sabiex titwaħħal *bus shelter* viċin fejn hemm l-i*skip* sabiex ikun hemm fejn jistkenn sakemm jistenna l-*Arriva*. Grace Marie Mallia qalet li kellha diversi proposti sabiex dik ċirkulari, 117 u 118, tieħu l-istess rotta bħas-72. Is-sindku qal li din minbarra li tkun qed tipperikola l-ħajja tat-tfal għaliex hemm jinsabu l-bandli, kull meta tikser minn Triq Karmenu Ciantar għal Triq id-9 ta' April 1942, għal Triq il-Ħarriġiet u minn Triq il-Barrieri għal Triq il-Konvoj ta' Santa Marija, qed ikollha tmur *wrong way* għax it-toroq mhumiex wisgħin biżżejjed. Intant is-sindku qal li m'hemmx il-bżonn li jsir xi *referendum* dwar dan, għax l-istess trasport pubbliku qed jipperikola t-tfal li jmorru n-*nursery*. Hawn issemmiet il-laqgħa li kellhom il-kunsillieri mar-rappreżentanti tal-Imqabba *Football Club* li wkoll talbu li ssiru *barrier* minħabba l-periklu. Ġie deċiż li ssir emenda sabiex il-KLM uffiċjalment jitlob li t-trasport pubbliku jerġa' jibda jgħaddi minn Triq Santa Katerina.

5. Issemmew il-bandli li m'humiex fi stat tajjeb u aktarx se jkollna nneħħu xi logħob. Hawn is-sindku qal li se jagħtina laqgħa s-Segretarju Parlamentari responsabbli mill-kunsilli lokali, għax kitiblu llum stess, filwaqt li se jara jekk jistgħux isiru xi *motives* u ismijiet għall-ġonna, filwaqt li Charlene Zammit qalet li għandna naraw ukoll jekk bħal issa hemmx xi fondi Ewropej għall-manutenzjoni tal-bandli. Dwar dan il-KLM iddeċieda li għalissa nistennew l-eżitu tar-rikjesta għall-fondi lokali. Charlene Zammit ippreċiżat li fl-ebda punt ma qalet li kellna nirrinunzjaw

għall-fondi lokali, biss peress li l-problema tal-bandli ilha magħna ħafna, m'għandna nħallu barra ebda possibilità.

6. Nicholas Briffa f'dan il-waqt irċieva telefonata mingħand is-Sur Pizzuto tal-Awtorità dwar id-Djar fejn dan infurmah illi l-istess awtorità qed tagħmel minn kollox biex telimina l-problema ta' sadd tad-drenaġġ frekwenti fil-blokka ta' Binja Ħarriġiet. Dan se tagħmlu billi tiġi eliminata s-sistema eżistenti u ssir medda oħra fil-*basement garages* kif issemma fil-laqgħat preċedenti ta' dan il-kunsill.

7. Għall-proposta tal-KLM biex tibda tingħalaq it-triq quddiem l-Iskola Primarja fil-ħin li jkunu deħlin jew ħerġin it-tfal, wara li saret it-talba formali lid-Direttorat tat-Traffiku fi ħdan Transport Malta, is-SE qal illi llum stess kitbitilna il-Perit Testaferrata De Noto sabiex tiġi mgħoddija aktar informazzjoni dwar il-proposta tal-*one-way* bil-kontra ta' Triq id-Duluri. Hawn is-sindku saħaq li biex dan iseħħ jinħtieġ illi kull fil-għodu u fil-għaxija jkun hemm l-assistenza kemm tal-pulizija kif ukoll tal-ħaddiema tal-*IPSL* /*Community Works Scheme* biex jagħmlu l-barikati fil-ħinijiet li t-tfal ikunu deħlin jew ħerġin mill-iskola. Hawn Paul Spiteri qal illi din kienet proposta tal-leġiżlatura preċedenti biex tibda tingħalaq it-triq u li ma wasalniex għaliex il-pulizija ma tatx garanzija illi jkunu dejjem preżenti fil-ħinijiet rikjesti u li anke intalab illi l-kunsill iħallas għal dan is-servizz. Is-SE qal li se jissuġġerixxi illi ssir il-laqgħa mal-perit fuq indikat, fil-ħin li jkunu deħlin u ħerġin it-tfal ħalli jkun hemm ideja ċara tal-konfużjoni li qed ikun hemm kull darba li l-ġenituri jiġu b'uliedhom permezz tat-trasport privat. Nicholas Briffa qal illi tajjeb li meta jkollna l-perit magħna jsir *pilot project* billi nattwaw il-proposta ħalli narawha taħdem, jiġifieri li tingħalaq Triq Valletta u Triq id-Duluri ssir *one way* bil-kontra. Dan tajjeb li jsir qabel ma tispiċċa l-iskola f'Ġunju peress li fil-ġranet tal-eżamijiet it-tfal mhux dejjem joħorġu fis-2:30pm. F'dan il-waqt Michel Farrugia semma li rridu nagħmlu miżura simili biex nipproteġu t-tfal fejn il-*MUSEUM* tas-subien fi Triq Santa Marija. Hu jaqbel mas-suġġeriment li sar biex jitpoġġew żewġ *barriers* u li dawn jinżammu fil-bitħa tal-*MUSEUM*, filwaqt li ma jaqbilx mat-talba li saritlu minn xi persuni illi din it-triq issir *one way*.

8. Nicholas Briffa qal li TM għandha proposta oħra x'timmaterjalizza, dik li Triq Ħal Kirkop, L-Imqabba u Triq l-Imqabba, Żurrieq, isiru *one-way* fid-direzzjoni opposti. Hawn Michel Farrugia qal li tajjeb li terġa' ssir is-*sleeping policeman* fi Triq tas-Sejba ftit 'l hemm minn fejn kienet inqalgħet dik fil-passat, filwaqt li Charlene Zammit qalet illi f'dan is-sit hemm bżonn li ssir ukoll *zebra crossing* biex dawk kollha li jkunu għaddejjin bil-mixi, jkunu jistgħu jaqsmu għal fuq l-*istage* f'daqstant traffiku. Michel Farrugia qal illi kieku tingħata t-tarmak Triq is-Siġġiewi, Qrendi, jinqata' aktar traffiku minn Triq tas-Sejba għaliex ix-xufiera Żrieraq li jkunu sejrin lejn in-naħa ta' fuq ta' Malta, lanqas ikollhom għax jgħaddu mill-Imqabba.

9. Intant kien propost illi ssir laqgħa mas-sindku tas-Siġġiewi biex ikunu diskussi t-talbiet li saru mill-KLM sabiex isir manutenzjoni fl-isqaq tan-nar. Hawn intqal illi matul il-ġranet li ġejjin se jinħareġ diversi nar mill-kmamar tal-Madonna tal-Ġilju sabiex dan jinħaraq fil-*festival* tan-nar li se jieħdu sehem fih. Is-SE qal li tkellem mas-SE tas-Siġġiewi, is-Sur Nicholas Baldacchino u qallu li huma jaħdmu bin-nies tad-Distrett (*Public Works*) biex jiffrankaw xi ħaġa u dawn ħaduhomlu minn dan l-isqaq li fih kienet qed issir manutenzjoni. Michel Farrugia ġibed l-attenzjoni li f'dan l-isqaq hemm *pipe* tal-ilma li spiss qed tiġrilu ħsara għaliex mhux mgħoddi skont is-sengħa. Hu qal li minn dawn il-ħsarat joħorġu kwantitajiet kbar ta' ilma li jintilef fid-dagħbien. Hu ssuġġerixxa biex dan il-*pipe* jinbidel u jindifen taħt l-art ħalli ma jibqgħux jaqbduh il-vetturi bir-roti u jagħmlulu l-ħsara. Nicholas Briffa qal li f'dan l-isqaq il-KLM se jwaħħal żewġ imirja fil-kantunieri wara li fl-aħħar jiem inqata' l-ħaxix ħażin mill-Kunsill Lokali tas-Siġġiewi. Charlene Zammit qalet li għall-bżonn għandna noffru lill-Kunsill Lokali tas-Siġġiewi illi hu jġib il-materjal u aħna ngħinu bil-ħaddiema tal-*IPSL* u dawk tal-*Community Works Scheme*. Dan biex isir urġenti ix-xogħol ta' manutenzjoni fl-isqaq.

10. Dwar id-devjazzjoni tat-trasport pubbliku u l-użu mill-gwardjani lokali sabiex isir maniġġjar aħjar tat-trasport fi żmien il-festa, is-sindku qal li hemm iċ-ċans illi parti mill-ispiża tal-gwardjani lokali tinħareġ mir-Reġjun Nofsinhar. F'dan il-punt Paul Spiteri qal illi l-KLM irid jara minn meta se tingħalaq il-pjazza u t-toroq anċillari sabiex ikun jista' jikteb lil TM biex ikun hemm devjazzjoni tat-trasport pubbliku mingħajr ħafna nkwiet għall-*commuters*. Kien deċiż illi s-SE ikellem lill-każini sabiex ikun jaf bl-għeluq ta' dawn it-toroq minħabba l-planċier, nar tal-art u tiżjin tal-festa bħal pavaljuni eċċ.

11. Is-sindku qal li kienu infurmati l-kuntratturi li tefgħu l-offerta biex isir *culvert* fi Triq il-Qattara, illi għal darb'oħra l-KLM mhux se jagħti dan il-kuntratt li rdoppja mill-istima oriġinali li kellu l-KLM. Hu qal li wara din il-laqgħa, kellu jiltaqa' ma' xi persuni li joqogħdu f'din it-triq minħabba l-problema li qed jidħol l-ilma tax-xita fil-propjetà tagħhom.

12. Dwar l-istat degradanti tal-Berġa tal-Imqabba, is-sindku qal li l-ħaddiema tagħna propju llum tawha tindifa, filwaqt li ktibna lill-Ministru tas-Saħħa li m'aħniex kuntenti bis-sit tal-Berġa minħabba t-telqa u l-umdità li hemm.

13. F'dan il-punt intqal illi applikajna diġà billi dħalna bħala *partners* fil-Movimentazioni ta' *Abruzzo* fil-proġett *Wonderlands Discovers.* Din se tkun esperjenza differenti minn *exchange* normali għaliex dawn se jagħmlu għaxart ijiem u se jkollhom iċ-ċans jibnu *web-site* u jaħdmu fuq *audio translators* bil-għan li jressqu aktar turisti fil-belt Taljana. Charlene Zammit qalet li hemm bżonn li fil-ħarġa tal-fuljett toħroġ espressjoni ta' interess sabiex niffurmaw *database*, ħalli meta tiġi l-opportunità li jitla' xi ħadd f'pajjiż ieħor, dawn jittellgħu bil-polza. Hija qalet ukoll li għandu jerġa' jitwaqqaf il-*Youth Council*, filwaqt li Paul Spiteri qal li din nistgħu insolvuha b'sotto kumitat għaż-żgħażagħ fi ħdan il-kunsill. Intant fl-applikazzjoni li saret se nsegwu l-każ biex sitt żgħażagħ imorru fuq skambju barra minn Malta fl-2014, fejn 70% tal-ispejjeż ser ikunu rifonduti permezz tal-fondi tal-Unjoni Ewropeja, lill-parteċipanti. Issa se nistennew sa Ottubru u nimlew il-formula biex nippruvaw nittappjaw ukoll fondi biex tkun organizzata is-*Summer School* kif proposta mill-*Football Nursery.* Dawn l-inizjattivi qed jittieħdu permezz tal-programm tal-*Youth in Action.*

14. Is-sindku semma l-inizjattiva konġunta mal-*E-Travel Solutions* fejn qal li fiduċjuż illi flimkien mas-Sur Joe Abdilla, l-aġent, insegwu program għal turiżmu sostenibbli. Dan għandu jkun kumplimentari ma' dak li intqal mal-*Malta Tourism Authority* fejn il-ġimgħa li għaddiet iltaqgħu s-sindku u s-SE mas-Sur Oliver Farrugia li wiegħed li se jgħinna fi proġetti infrastrutturali u affarijiet oħra li għandhom x'jaqsmu ma' turiżmu sostenibbli fil-lokal. Hawn Grace Marie Mallia fakkret fl-obbligu tal-KLM li jattira dan it-turiżmu li joħroġ mill-applikazzjoni ta' miżura 313 f'dak li hu ħolqien ta' mpjiegi u numru ta' viżitaturi li aħna marbutin li rridu nġibu kull sena. Is-sindku qal li dawn it-turisti jistgħu jaraw *show* filwaqt li jidħlu fil-każini tal-banda u jħallu flus għall-każin.

15. Se nieħdu sehem fil-*Great Spring Show* li se jsir fil-ġonna ta' San Anton fi tmiem il-ġimgħa li ġejja billi nippreżentaw qoffa frott li se tkun ippreparata mill-Kunsill Lokali tal-Imqabba filwaqt li s-sindku rrefera għaċ-ċerimonja sinifikanti li saret fi tmiem il-ġimgħa li għaddiet fejn Fr Raymond Cassar ikkommemora il-25 sena saċerdozju tiegħu. Saret ukoll referenza għall-*Green Casual Day* organizzata mill-Kulleġġ San Benedittu fejn fiha ħadet sehem l-Iskola Primarja tal-Imqabba. L-istudenti flimkien mal-għalliema u l-ġenituri għamlu mixja filwaqt li ġabru fondi biex jingħataw lil min hu fil-bżonn. Il-KLM kien strumentali mill-att organizzattiv fejn ftiehem dwar pulizija u wkoll ħadu sehem iwaqqfu t-traffiku l-ħaddiema tal-*IPSL /CWS*. Is-sindku akkumpanja lit-tfal tul il-mixja kollha.

16. Is-sindku fakkar fil-laqgħa tas-sindki li se tkun organizzata mill-Assoċjazzjoni tal-Kunsilli Lokali fil-*Calypso Hotel* fil-ġimgħat li ġejjin, kif ukoll fil-laqgħa tal-kunsillieri kollha li ser tkun organizzata mir-Reġjun Nofsinhar fit-18 ta' Mejju, 2013.

17. Is-sindku semma l-laqgħat li qed isiru bejn il-każini tal-banda flimkien mal-kappillan u s-supritendent rigward xi ftehim li kellhom bejniethom fejn hu ntalab mill-kappillan biex ikun preżenti.

18. Is-sindku ppropona li jsir ċensiment lokali fejn għandu jintbgħat kwestjonarju biex jimtela minn dawk li jixtiequ jieħdu xi għajnuna (mhux finanzjarja) permezz ta' informazzjoni. F'dan iċ-ċensiment se nkunu qed naraw min għandu problemi ta' diżabilità, mobbiltà, persuni *unemployed* u persuni li jgħixu weħidhom. Dan biex jgħin lil din il-leġiżlatura tirsisti dejjem sabiex fuq skala nazzjonali jsir *night shelter* /dar tal-anzjani fil-konfini tagħna. Dwar il-kwestjonarju diġà ktibna lill-Uffiċċju Nazzjonali tal-Istatistika u l-Kummissarju tal-Protezzjoni tad-Data.

19. Kienet suġġerita mawra għal Għawdex nhar it-22 ta' Mejju. Is-sindku qal li saru arranġamenti ma sid il-ħanut *Country Terrace* mhux biss fuq l-ikel iżda wkoll fuq it-trasport f'Għawdex. Dwar it-trasport f'Malta, Grace Marie Mallia irranġat ma' *Arthur & John's* li dawn se jieħdu €130 esklużi l-*VAT* kull *coach*. Ġie deċiż li l-prezzijiet ser ikunu issussidjati mill-KLM għal €20 il-kbar, €15 l-anzjani, u €10 it-tfal.

20. Il-KLM ta l-approvazzjoni biex jitħaffru erba' toqob oħra tal-festa għall-Festa tal-Madonna tal-Ġilju fi Triq Valletta, filwaqt li Michel Farrugia qal li hu personalment għamel manutenzjoni fuq toqba quddiem il-Każin tal-Partit Nazzjonalista fil-Pjazza tal-Knisja.

21. Dwar is-siġar li gguffaw fi Triq Valletta, is-sindku qal li hemm bżonn li jsir *light pruning* peress li din iż-żabra mhux se tkun fi żmienha u hemm bżonn li ssir inevitabbilment minħabba vetturi għoljin li qed jaħbtu magħhom.

22. Il-laqgħa li jmiss ta' dan il-KLM se ssir nhar l-14 ta' Mejju, fl-istess ħin fejn Paul Spiteri talab li jkun skużat minħabba li se jkun imsiefer, filwaqt li din il-laqgħa ntemmet fid-9.15pm.

*Magħmula minn* **Anthony Bonello**
**Segretarju Eżekuttiv**

*u approvati llum 14/05/2013 minn:* **Nicholas Briffa**
**Sindku**